



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Jannar 2024
(OR. en)

5676/24

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0218(COD)

AGRI 44
AGRIFIN 8
AGRIORG 9

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Jannar 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 12 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL L-użu ta' miżuri ta' kriżi adottati skont l-Artikoli 219 sa 222 tar-Regolament dwar l-OKS

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 12 final.

Mehmuż: COM(2024) 12 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.1.2024
COM(2024) 12 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**L-użu ta' miżuri ta' kriżi adottati skont l-Artikoli 219 sa 222 tar-Regolament dwar l-
OKS**

1. Introduzzjoni

Skont l-Artikolu 225(db) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 (ir-Regolament dwar l-OKS)¹ il-Kummissjoni jeħtiġilha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, sal-31 ta' Diċembru 2023, rapport dwar l-użu ta' miżuri ta' kriżi, u b'mod partikolari l-miżuri eċċezzjonali adottati skont l-Artikoli 219-222 tar-Regolament dwar l-OKS (OKS).

Dan ir-rapport ikopri r-regolamenti dwar il-miżuri eċċezzjonali adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 219-222 tal-OKS mill-1 ta' Jannar 2014 sal-aħħar tal-2023.

L-Anness 1 ta' dan ir-rapport jipprovdi l-lista tar-regolamenti kollha. L-Anness 2 jipprovdi informazzjoni dwar in-nefqa aggregata annwali tal-UE għal kull miżura sa tmiem is-sena finanzjarja 2023 (il-15 ta' Ottubru 2023).

2. Tipi ta' miżuri eċċezzjonali skont ir-Regolament dwar l-OKS

2.1 Introduzzjoni

Il-Parti V, il-Kapitolu I tal-OKS huwa intitolat "Miżuri eċċezzjonali" (l-Artikoli 219 sa 222). L-Artikoli jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta miżuri eċċezzjonali tas-suq fil-każ ta':

- disturb fis-suq (l-Artikolu 219);
- mard tal-annimali, pesti tal-pjanti, u t-telf ta' fiduċja tal-konsumaturi minħabba riskji għas-saħħa pubblika, tal-annimali jew tal-pjanti (l-Artikolu 220);
- problemi speċifiċi (l-Artikolu 221);
- żbilanċ qawwi fis-swieq (l-Artikolu 222).

Dawn id-dispożizzjonijiet jirriflettu l-hteġa – fl-isfond ta' orjentazzjoni tas-suq skont il-prinċipji tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) – li jiġu indirizzati r-riskji potenzjali, li spiss iseħħu f'daqqa u ma jkunux prevedibbli, li huma dovuti għal ċirkostanzi li jistgħu jinqalgħu b'mod eċċezzjonali fl-iswieq agrikoli bħall-instabbiltà tas-suq, il-volatilità tal-prezzijiet, jew il-konsegwenzi tar-restrizzjonijiet marbuta mas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti.

Għalhekk, il-miżuri eċċezzjonali jistgħu jitqiesu b'rabta mal-għodod ta' prevenzjoni u ta' ġestjoni tar-riskju disponibbli għall-bdiewa tal-UE fil-PAK u fil-politiki nazzjonali.

Il-produzzjoni agrikola hija minnha nnifisha riskjuża. Ir-rendimenti, il-kwalità tal-prodott u l-prezzijiet relatati huma influwenzati minn ħafna fatturi esterni b'impatti fuq perjodu ta' żmien qasir, bħat-temp u fatturi ambjentali jew sanitarji oħra (bħall-mard tal-annimali u l-pesti tal-pjanti). Il-produzzjoni agrikola hija soġġetta wkoll għal riskji li jirriżultaw minn żviluppi fis-swieq agrikoli, tfixkil fil-kummerċ jew avvenimenti ġeopolitiċi. Dawn ir-riskji huma enfasizzati min-natura tad-deċiżjonijiet dwar il-produzzjoni, inklużi l-investimenti, li ta' spiss ikollhom jittieħdu abbażi ta' perspettiva fuq perjodu medju u twil. Barra minn hekk, f'xi sistemi tal-produzzjoni (eż. il-produzzjoni tal-annimali) ma jistgħux isiru aġġustamenti ta' malajr fil-produzzjoni.

Uħud minn dawk ir-riskji jistgħu jiġu kklassifikati bħala normali jew kummerċjabbli, u jistgħu jiġu ġestiti jew fil-farm stess, jew permezz ta' għodod tas-suq jew strumenti privati għall-kondiviżjoni tar-riskji (bħall-assigurazzjoni). Riskji oħra jistgħu jkunu sistemiċi/katastrofiċi u jwasslu għal kostijiet tant għoljin li l-għodod privati għall-ġestjoni tar-

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007, ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

riskju ma jkunux adegwati (pereżempju, il-kumpaniji tal-assigurazzjoni jistgħu ma jkunux lesti li jipprovdu kopertura bi primjums raġonevoli)². Għalhekk, matul kriżijiet fis-suq, tista' tkun meħtieġa azzjoni pubblika speċifika u eċċezzjonali.

Il-miżuri eċċezzjonali huma addizzjonali u komplementari kemm għall-miżuri l-oħra ta' intervent fis-suq previsti skont ir-Regolament dwar l-OKS (b'mod partikolari l-intervent pubbliku u l-għajnuna għall-ħżin privat (PSA)³) li għandhom l-għan li jstabbilizzaw il-prezzijiet għall-bdiewa, kif ukoll għad-dispożizzjonijiet għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kriżijiet permezz ta' interventi settorjali li jistgħu jiġu pprogrammati fil-pjanijiet strateġiċi tal-PAK (pereżempju fis-settur tal-frott u l-ħxejjex).

Il-miżuri eċċezzjonali huma min-natura tagħhom temporanji u jiġu adottati sal-punt u għaż-żmien meħtieġ biex jiġu indirizzati l-problemi inkwistjoni.

Il-premessi tar-regolamenti tal-Kummissjoni bbażati fuq l-Artikoli 219-222 tal-OKS jiċċaraw ir-raġunament għall-adozzjoni tal-miżura eċċezzjonali, abbażi ta' valutazzjoni oġġettiva tas-sitwazzjoni tas-suq.

2.2 Aspetti baġitarji

Qabel l-2023, il-miżuri eċċezzjonali li jinvolvu appoġġ finanzjarju setgħu jiġu ffinanzjati billi jiġu mmobilizzati riżorsi finanzjarji taħt ir-“riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu” (l-Artikolu 25 tar-Regolament Orizzontali preċedenti tal-PAK⁴; l-Artikolu 226 tal-OKS), li kien iffinanzjat bl-applikazzjoni ta' “dixxiplina finanzjarja”. Dan il-mekkaniżmu ta' finanzjament kien jimplika li l-attivazzjoni tar-riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu tirriżulta fi tnaqqis korrispondenti fil-pagamenti diretti lill-bdiewa u l-użu tagħha kien jeħtieġ deċizzjoni ta' trasferiment mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew. Din ir-riżerva qatt ma kienet intużat sa Marzu 2022, meta ġiet adottata għajnuna eċċezzjonali ta' aġġustament għall-produtturi affettwati mill-konsegwenzi tal-gwerra fl-Ukrajna. Il-pakkett ta' appoġġ kien jammonta għal EUR 500 miljun, li EUR 350 miljun minnhom kienu ffinanzjati mir-riżerva għall-kriżijiet tal-2022. Preċedentement, fil-każijiet l-oħra kollha, il-finanzjament għal miżuri eċċezzjonali kien jiġi magħmul disponibbli minn fondi oħra disponibbli taħt is-sublimentu massimu tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), mingħajr l-attivazzjoni tar-riżerva għall-kriżijiet.

Mill-2023, u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Orizzontali l-ġdid tal-PAK⁵, ġiet stabbilita riżerva agrikola ta' mill-inqas EUR 450 miljun u se tiġi stabbilita fil-bidu ta' kull sena tal-perjodu 2023-2027⁶. Jista' jiġi stabbilit ammont ogħla fil-baġit tal-UE.

L-ammont għar-riżerva agrikola jiddaħħal direttament fil-baġit tal-UE, u b'hekk il-fondi mir-riżerva jsiru disponibbli direttament. Il-miżuri eċċezzjonali għandhom jiġu ffinanzjati minn din ir-riżerva (flimkien mal-miżuri ta' intervent fis-suq). Ir-riżerva agrikola tiġi stabbilita billi l-ewwel jintużaw il-fondi disponibbli li jkun fadal mir-riżerva tas-sena ta' qabel li ma jkunux intużaw u li jkunu ġew riportati, imbagħad il-fondi disponibbli taħt is-sublimentu tal-FAEG u, jekk ikun meħtieġ, u biss bħala l-aħħar għażla, billi tiġi applikata d-dixxiplina finanzjarja.

² Ara r-rapport tat-Task Force dwar is-Swieq Agrikoli (2018).

³ L-Artikoli 8 sa 21 tar-Regolament dwar l-OKS.

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008, ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549.

⁵ Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013, ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187.

⁶ L-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) 2021/2116.

Il-Kapitolu tar-Regolament dwar l-OKS li jittratta l-miżuri eċċezzjonali jikkonsisti f'erba' artikoli. Is-subtaqsimiet li ġejjin jiddiskutu kull wieħed minn dawn l-artikoli f'aktar dettall.

2.3 Artikolu 219

L-Artikolu 219 jippermetti lill-Kummissjoni tiegħu, permezz ta' atti delegati, miżuri meħtieġa biex tirreaġixxi b'mod effiċjenti u effettiv għad-disturbi fis-suq, u t-theddid ta' tali disturbi, fis-setturi agrikoli kollha koperti mill-OKS⁷. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza, l-atti delegati jistgħu jiġu adottati skont il-proċedura ta' urġenza (l-Artikolu 228 tal-OKS) u jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jesprimu l-ebda eċċezzjoni.

Il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri bħal dawn jekk iseħħ disturb fis-suq jew ikun hemm theddida tiegħu (b'mod partikolari, iżda mhux esklussivament, minħabba żidiet jew tnaqqis fil-prezzijiet) li x'aktarx li jkompli jew isir agħar. Dawn il-miżuri jistgħu jiġu adottati meta kwalunkwe miżura oħra disponibbli skont ir-Regolament dwar l-OKS – bħal intervent pubbliku jew PSA – tidher li ma tkunx biżżejjed jew xierqa biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni⁸. Sitwazzjonijiet li jirriżultaw minn provvista żejda (nuqqas ta' domanda) ikkaratterizzati minn tnaqqis fil-prezzijiet kienu tipikament fil-mira ta' dawn il-miżuri, iżda l-abbozzar tal-Artikolu jkopri wkoll is-sitwazzjoni opposta ta' skarsezzi u żidiet fil-prezzijiet.

Dan l-arranġament jirrifletti l-progressjoni gradwali tal-miżuri stabbiliti fl-OKS: l-għodod ta' intervent fis-suq (intervent pubbliku u PSA) u strumenti oħra disponibbli skont ir-Regolament dwar l-OKS l-ewwel iridu jintwerew li huma insuffiċjenti qabel ma jiġu adottati miżuri eċċezzjonali. F'dan l-ispirtu, kull miżura adottata tiċċara, kif rilevanti, ir-raġuni għaliex l-użu ta' miżuri disponibbli skont l-OKS ma jkunx indirizza, jew ma kienx ikun biżżejjed biex jindirizza, id-disturb fis-suq.

Il-miżuri inkwistjoni jistgħu, sa fejn u għaż-żmien meħtieġ, jindirizzaw id-disturb fis-suq jew it-theddid ta' tiegħu, jestendu jew jemendaw il-kamp ta' applikazzjoni, it-tul ta' żmien jew aspetti oħra ta' miżuri oħra stabbiliti fir-Regolament dwar l-OKS, u jistgħu jipprevedu wkoll miżuri kompletament ġodda, inkluż il-forniment ta' għajjnuna eċċezzjonali lil settur wieħed jew aktar, u lil pajjiż wieħed jew aktar.

Il-miżuri eċċezzjonali kollha li jagħtu għajjnuna eċċezzjonali jiċċaraw l-aspetti li ġejjin.

- i) Jistabbilixxu liema pajjiżi huma eliġibbli u l-bażi għall-allokazzjoni tal-pakketti tal-għajjnuna bejniethom.
- ii) Jiċċaraw li d-distribuzzjoni tal-għajjnuna mill-Istati Membri għandha timmira lejn daww il-produtturi l-aktar affettwati mid-disturb fis-suq inkwistjoni. Sabiex itaffu d-disturbi fis-suq, f'loġika ta' sussidjarjetà, l-Istati Membri spiss ikunu f'pożizzjoni aħjar biex janalizzaw liema bdiewa u setturi jeħtieġ li jiġu appoġġati fis-sitwazzjonijiet differenti tas-suq. Barra minn hekk, l-għajjnuna għandha titqassam abbażi ta' kriterji oġġettivi u b'mod mhux diskriminatorju, filwaqt li tiġi evitata kwalunkwe kwistjoni tas-suq u tal-kompetizzjoni.

⁷ Ara l-Artikolu 1(2) u l-Anness I tal-OKS.

⁸ Ir-referenza għan-natura "mhux xierqa" ta' miżuri oħra tas-suq tal-OKS ġiet introdotta bl-aħħar riforma tal-PAK, ir-Regolament (UE) 2021/2117 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, (UE) Nru 251/2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzati u (UE) Nru 228/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni, ĠU L 435, 6.12.2021, p. 262.

- iii) Jistabbilixxu jekk l-Istati Membri jistgħux jagħtu appoġġ addizzjonali (pagament supplimentari) taħt l-istess kundizzjonijiet ta' oġġettività, nondiskriminazzjoni u nondistorsjoni tal-kompetizzjoni. Tali pagamenti supplimentari, li ma humiex affettwati mir-regoli dwar l-ġhajna mill-Istat, jistgħu jiġu ġġustifikati mill-fatt li l-ammonti allokati lill-Istati Membri benefiċjarji jikkumpensaw biss parzjalment it-telf proprju mġarrab mill-produtturi.
- iv) Jiċċaraw kif l-ġhajna eċċezzjonali tirrelata mal-assistenza finanzjarja tal-UE mogħtija taħt strumenti oħra, u jekk hemmx possibbiltà li l-ġhajna eċċezzjonali tiġi akkumulata ma' tali appoġġ finanzjarju.
- v) Jirrikjedu lill-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar: (i) il-kriterji oġġettivi użati biex jiġi mmirat l-appoġġ; (ii) kif evitaw kwalunkwe distorsjoni tal-kompetizzjoni; (iii) l-ammonti totali mħallsa; (iv) in-numru u t-tip ta' benefiċjarji; u (v) valutazzjoni tal-effettività tal-miżuri meħuda. Mill-2015, iridu jiġu rrapportati wkoll il-miżuri konkreti meħuda, l-impatti maħsuba, u l-pagamenti supplimentari addizzjonali.

2.4 Artikolu 220

L-Artikolu 220 jippermetti lill-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni u tiegħu, fuq talba ta' Stat Membru u abbażi ta' valutazzjoni dwar is-sustanza, miżuri eċċezzjonali biex jiġu indirizzati l-impatti fuq is-suq ta' miżuri meħuda fil-livell nazzjonali biex jiġi miġġieled it-tixrid ta' mard tal-annimali u pesti tal-pjanti⁹. Il-valutazzjoni tevalwa l-evidenza li l-miżuri tas-saħħa, veterinarji u fitosanitarji ġew adottati malajr mill-Istat Membru kkonċernat biex tiġi eliminata l-marda; jew biex jimmonitorjaw, jikkontrollaw, jeqirdu jew irażżnu l-pest tal-pjanti. Il-miżuri tal-Artikolu 220 jistgħu jindirizzaw ukoll disturb serju fis-suq attribwit direttament għal telf ta' fiduċja tal-konsumatur minħabba riskji għas-saħħa pubblika, tal-annimali jew tal-pjanti.

L-Artikolu 220 jipprovdi bażi legali għall-kumpens lill-produtturi affettwati mill-effetti indiretti tar-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ jew telf fil-fiduċja tal-konsumaturi li ma humiex eliġibbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-UE fi ħdan il-miżuri ta' prevenzjoni u kontroll tas-saħħa u veterinarji previsti fil-leġislazzjoni tal-UE¹⁰. Dan il-kumpens irid jiġi kofinanzjat mill-Istat Membru rilevanti. L-UE tipprovdi finanzjament parzjali ekwivalenti għal 50 % tal-infiq mġarrab mill-Istati Membri (60 % biex tiġi miġġielda l-marda tal-ilsien u d-dwiefer).

L-Artikolu 220 jelenka s-setturi li għalihom jistgħu jiġu kkompensati l-impatti tal-miżuri li jirrestrinġu l-kummerċ.

L-iskemi ta' appoġġ adottati skont l-Artikolu 220 jirrikjedu li l-Istati Membri jwettqu kontrolli amministrattivi u fuq il-post, u jiddokumentaw kif xieraq dawn il-kontrolli.

2.5 Artikolu 221

⁹ Il-pesti tal-pjanti, u r-referenza għall-kontrolli fitosanitarji relatati, ġew introdotti bl-aħħar riforma tal-PAK, ir-Regolament 2021/2117. Il-pesti tal-pjanti jikkonċernaw biss il-frott u l-ħxejjex.

¹⁰ Ara r-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti, u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, ĠU L 189, 27.6.2014, p. 1. Ir-Regolament tħassar mir-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-programm għas-suq uniku, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju, għall-qasam tal-pjanti, l-annimali, l-ikel u l-ġhalf, u għall-istatistika Ewropea (Programm għas-Suq Uniku) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014, u (UE) Nru 652/2014, ĠU L 153, 3.5.2021, p. 1.

L-Artikolu 221 jippermetti lill-Kummissjoni tiegħu, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, miżuri ta' emerġenza biex issolvi problemi speċifiċi, jekk il-kundizzjonijiet għall-adozzjoni ta' miżuri skont l-Artikolu 219 jew l-Artikolu 220 ma jiġux issodisfati.

Dawn il-miżuri ma jeħtiġux disturb eżistenti fis-suq jew theddida tiegħu. Il-“problema speċifika” li għandha tiġi indirizzata tista' għalhekk tkun tinsab f'raġuni oħra li tipprevjeni li jintlaħqu l-oġettivi tal-PAK. Dawn il-miżuri jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar l-OKS biss sa ċertu punt u għal perjodu ta' żmien li huwa strettament meħtieġ, u fi kwalunkwe każ li ma jaqbiżx it-12-il xahar.

Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza, fejn iċ-ċirkostanzi jistgħu jikkawżaw deterjorament rapidu tas-sitwazzjoni li jkun diffiċli li jiġi indirizzat jekk il-miżuri jiġu ttardjati, jistgħu jiġu adottati atti ta' implimentazzjoni li japplikaw immedjatament (l-Artikolu 229(3) tal-OKS).

2.6 Artikolu 222

Fl-aħħar nett, l-Artikolu 222 tal-OKS jawtorizza lill-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni biex teżenta mill-applikazzjoni ta' ftehimiet u deċiżjonijiet tad-dritt tal-kompetizzjoni biex jiġi stabbilizzat is-suq mill-bdiewa u l-assoċjazzjonijiet tagħhom, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi (OP) rikonoxxuti, l-assoċjazzjonijiet tal-OP, jew organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti¹¹.

Il-miżuri ta' ġestjoni tal-provvista meħuda mill-operaturi privati huma maħsuba biex jindirizzaw żbilanċi severi fis-suq. Id-dritt tal-kompetizzjoni normalment ma jippermettix tali ftehimiet bejn l-OP peress li dawn għandhom effett restrittiv fuq il-kompetizzjoni.

Dawn il-ftehimiet u d-deċiżjonijiet għandhom: (i) ikunu validi għal massimu ta' 6 xhur (iżda jistgħu jiġu estiżi); (ii) ma jimminawx il-funzjonament xieraq tas-suq uniku; (iii) ikollhom l-għan strett li jistabbilizzaw is-settur ikkonċernat; u (iv) jaqgħu taħt waħda jew aktar mill-kategoriji speċifiċi ta' azzjonijiet kollettivi enumerati fl-Artikolu. Sal-2017, daww il-miżuri setgħu jiġu adottati biss jekk ikunu diġà ġew adottati miżuri tas-suq jew miżuri eċċezzjonali għall-prodotti kkonċernati, bħala mezz tal-aħħar għażla. Minn dak iż-żmien (u wara r-Regolament ta' Riforma tal-Omnibus¹²), dawn jistgħu jikkomplementaw l-azzjoni tal-UE skont id-dispożizzjonijiet l-oħra mingħajr ma tapplika tali prekundizzjoni.

Ta' min isemmi li l-Artikolu 222 ma jimplikax il-mobilizzazzjoni tal-finanzjament tal-UE.

3. Użu ta' miżuri eċċezzjonali (skont il-kriżi)

Mill-1 ta' Jannar 2014 sal-aħħar tal-2023, ġew adottati 63 miżura eċċezzjonali skont l-Artikoli 219-222 tal-OKS. Il-miżuri huma rrapportati hawn taħt b'rabta mal-kriżi jew is-sitwazzjoni speċifika li wasslet għall-adozzjoni tagħhom¹³.

¹¹ Il-possibbiltajiet għal azzjonijiet kollettivi bħal dawn ġew estiżi għall-bdiewa u għall-assoċjazzjonijiet tagħhom bir-Regolament (UE) 2017/2393 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), (UE) Nru 1306/2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni, (UE) Nru 1307/2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni, (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u (UE) Nru 652/2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, ĠU L 350, 29.12.2017, p. 15 (ir-Regolament Omnibus).

¹² Ir-Regolament (UE) 2017/2393.

¹³ Ta' min jinnota li xi atti jikkostitwixxu biss emendi ta' atti approvati qabel, pereżempju l-estensjoni tad-durata tal-miżuri, u l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tagħhom għal benefiċjarji addizzjonali, eċċ.

Il-biċċa l-kbira tal-miżuri ġew adottati skont l-Artikolu 219(32 att), segwiti minn 14-il att skont l-Artikolu 220, 11-il att skont l-Artikolu 221 u sitt atti skont l-Artikolu 222.

Il-miżuri kollha huma mniżżlin fl-Anness 1. L-informazzjoni dwar it-tweġġ tal-miżuri sal-15 ta' Ottubru 2023 hija pprovduta wkoll fl-Anness 2.

3.1 Il-projbizzjoni Russa fuq l-importazzjonijiet, flimkien mal-iżbilanċi fil-provvista u d-domanda

Bħala ritaljazzjoni kontra s-sanzjonijiet imposti mill-UE wara l-annessjoni Russa tal-Krimea fir-rebbiegħa tal-2014, il-gvern Russu introduċa projbizzjoni fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti agrikoli mill-Unjoni Ewropea. Il-projbizzjoni, li daħlet fis-seħħ fis-7 ta' Awwissu 2014, kienet tinkludi prodotti bħall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, il-prodotti tal-bhejjem, u l-frott u l-ħxejjex friski. Il-projbizzjoni inizzjali, li sussegwentement ġiet estiża, kellha implikazzjonijiet sinifikanti għall-esportaturi tal-UE tal-prodotti agrikoli affettwati peress li l-limitat l-aċċess tagħhom għas-suq Russu.

3.1.1 Frott u ħxejjex

Il-projbizzjoni Russa fuq l-importazzjonijiet mill-UE kkawżat tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet fis-settur tal-frott u l-ħxejjex tal-UE peress li wieħed mill-akbar swieq tal-esportazzjoni tagħha f'daqqa waħda ma baqax disponibbli u dan irriżulta fi provvista żejda fl-UE.

It-theddida ta' disturb fis-suq kienet partikolarment urġenti għal dan is-settur peress li dan seħħ b'mod mhux mistenni fi żmien il-ħsad, meta l-bdiewa tħallew bi kwantitajiet kbar ta' prodotti maħsuda u li jitħassru malajr ħafna u kellihom possibbiltajiet limitati ta' ħżin. Barra minn hekk, xi varjetajiet ta' prodotti prinċipalment maħsuba għar-Russja ma sabux swieq ta' esportazzjoni alternattivi daqstant malajr. Għall-ħawħ u n-nuċiprisk, il-projbizzjoni kkoinċidiet ma' livell għoli ta' provvista minħabba l-kundizzjonijiet tat-temp fl-2014. Peress li l-produzzjoni tal-frott u l-ħxejjex hija imprevedibbli u l-prodotti jitħassru malajr, anke eċċessi żgħar fis-suq jistgħu jfixxlu s-suq b'mod sinifikanti.

Sabiex jiġi evitat disturb sever fis-suq u jiġi mmitigat it-tnaqqis fil-prezzijiet, ġew adottati żewġ miżuri. Miżura skont l-Artikolu 219 tal-21 ta' Awwissu 2014 żiedet il-volumi ta' ħawħ u nuċiprisk eliġibbli għall-irtirar mis-suq appoġġat għal distribuzzjoni bla ħlas mill-OP¹⁴. Din ippermettiet ukoll l-ġħoti ta' assistenza finanzjarja mill-UE lil produtturi li ma kinux membri ta' OP u ta' appoġġ addizzjonali għal attivitajiet ta' promozzjoni għal OP mill-erba' pajjiżi produtturi ewlenin, il-Greċja, Spanja, Franza u l-Italja, sa ammont massimu ta' EUR 3 miljun¹⁵.

Miżura oħra skont l-Artikolu 219 datata d-29 ta' Awwissu 2014 espandiet ir-Regolament biex ikopri frott u ħxejjex oħra affettwati mit-telf tas-swieq tal-esportazzjoni. Din allokat EUR 125 miljun (li minnhom EUR 82 miljun kienu għat-tuffieħ u l-lanġas u EUR 43 miljun kienu għal

¹⁴ Il-bażi ġuridika għall-miżuri ta' ġestjoni tal-kriżijiet (bħall-irtirar mis-suq, il-ħsad bikri u n-nuqqas ta' ħsad) li jistgħu jiġu appoġġati mill-UE skont il-programmi operazzjonali għall-frott u l-ħxejjex inbidlet maż-żmien, mir-Regolament dwar l-OKS 1308/2013 (l-Artikoli 33-34) għar-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK (ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jifasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013, ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1). Mill-2021, il-kamp ta' applikazzjoni, id-durata u aspetti oħra tal-interventi settorjali fis-settur tal-frott u l-ħxejjex huma rregolati mir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku tal-PAK (l-Artikolu 42 *et seq.*).

¹⁵ ĠU L 248, 22.8.2014, p. 1.

frott u ħxejjex oħra) biex tingħata assistenza finanzjarja għal volumi akbar ta' rtirar mis-suq, operazzjonijiet ta' ħsad bikri u ta' nuqqas ta' ħsad għaż-żewġ produtturi li kienu membri u li ma kinux membri ta' OP, sa kwantitajiet speċifiċi ta' prodotti (elenkati fl-Anness I tiegħu)¹⁶.

Dawn il-miżuri eċċezzjonali ġew estiżi u ssupplimentati, inkluż biex jestendu l-kamp ta' applikazzjoni għal-larinġ, il-klementini, il-mandolin u l-lumi¹⁷.

F'Jannar 2016, il-projbizzjoni Russa fuq l-importazzjonijiet agrikoli ġiet estiża għal importazzjonijiet ta' prodotti agrikoli mit-Turkija. Peress li t-Turkija kienet esportatur ewlieni tal-frott u l-ħxejjex lejn ir-Russja, it-theddida ta' disturb fis-suq fl-UE kienet sinifikanti minħabba l-effetti ta' devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali. F'Ġunju 2016, ġiet introdotta miżura ġdida skont l-Artikolu 219, li adattat il-miżuri eżistenti u espandiet il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom għal prodotti oħra. Il-miżura kienet tinkludi limiti fuq il-kwantità massima fuq prodotti eliġibbli għall-assistenza finanzjarja għal kull Stat Membru produttur¹⁸. F'Marzu 2017, il-kwantitajiet allokatu mhux użati ġew imqassma mill-ġdid fost l-Istati Membri produtturi permezz ta' att delegat ġdid¹⁹.

Il-monitoraġġ regolari tas-suq tal-UE sussegwentement żvela titjib għall-għelejjel mhux permanenti (il-ħxejjex u xi frott) li wassal għal aġġustament tal-miżuri eżistenti. F'April 2017, miżura skont l-Artikolu 219 naqqset l-għadd ta' prodotti u l-kwantitajiet massimi eliġibbli għall-appoġġ²⁰. Madankollu, minħabba livelli għoljin ta' produzzjoni u ta' ħażniet ta' ħawħ u nuċiprisk f'xi Stati Membri, kif ukoll minħabba l-introduzzjoni ta' miżuri sanitarji u fitosanitarji minn destinazzjonijiet alternattivi ta' esportazzjoni bħall-Belarus, f'Settembru 2017 ġiet adottata miżura ġdida skont l-Artikolu 219. Dan l-att il-ġdid żied il-kwantitajiet massimi ta' ħawħ u nuċiprisk eliġibbli għall-appoġġ għall-Greċja, Spanja u l-Italja²¹.

B'riżultat ta' dawn il-miżuri kollha, ġie żborżat total finali ta' aktar minn EUR 500 miljun sal-2018, li ppermetti li jiġu rtirati mis-suq kważi 1,8 miljun tunnellata ta' frott u ħxejjex friski.

3.1.2 Ħalib u prodotti tal-ħalib

Il-projbizzjoni Russa fuq l-importazzjonijiet mill-UE l-ewwel irriżultat f'theddida ta' disturb fis-suq, u sussegwentement f'disturb attwali fis-suq għas-suq tal-ħalib, bi tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet. Din is-sitwazzjoni flimkien ma' ċirkostanzi oħra bħat-tnaqqis fl-ammont ta' importazzjonijiet miċ-Ċina (l-akbar suq tal-importazzjonijiet fid-dinja), il-prezzijiet pożittivi u l-kundizzjonijiet tat-temp irriżultat f'żieda fil-provvista globali tal-ħalib. L-effett magħqud ta' dawn iċ-ċirkostanzi kollha wassal għal żbilanċ madwar id-dinja kollha bejn il-provvista u d-domanda fis-settur tal-ħalib u għal tnaqqis kbir fil-prezz tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib, b'effetti sekondarji negattivi fuq is-settur tal-bhejjem.

Sabiex tingħata ċertezza lis-suq, il-perjodu ta' intervent pubbliku għat-trab tal-ħalib xkumat (SMP) u għall-butir (li normalment ikun mill-1 ta' Marzu sat-30 ta' Settembru) ġie estiż diversi drabi permezz ta' miżuri skont l-Artikolu 219²².

¹⁶ ĠU L 259, 30.8.2014, p. 2.

¹⁷ ĠU L 284, 30.9.2014, p. 22; ĠU L 366, 20.12.2014, p. 20; ĠU L 211, 8.8.2015, p. 17.

¹⁸ ĠU L 154, 11.6.2016, p. 3.

¹⁹ ĠU L 58, 4.3.2017, p. 8.

²⁰ ĠU L 170, 1.7.2017, p. 31.

²¹ ĠU L 233, 9.9.2017, p. 1.

²² ĠU L 265, 5.9.2014, p. 21; ĠU L 360, 17.12.2014, p. 13; ĠU L 242, 18.9.2015, p. 28; ĠU L 242, 9.9.2016, p. 15.

Minbarra l-għajnuna għall-ħżin privat standard għall-butir u għall-SMP, ġiet introdotta skema temporanja u eċċezzjonali ta' għajnuna għall-ħżin privat għat-tipi kollha ta' ġobon (mhux limitata għal ġobnijiet b'indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP) jew b'denominazzjoni ta' orijini (DOP) li huma eliġibbli għall-PSA skont l-OKS) lejn l-aħħar tal-2014²³ u lejn l-aħħar tal-2015²⁴.

Bejn l-2014 u l-2017, dawn il-miżuri ġew ikkomplementati minn skemi ta' appoġġ finanzjarju eċċezzjonali għas-setturi tal-ħalib u ta' bhejjem oħrajn.

Miżura skont l-Artikolu 219 li ttiprovdi għajnuna eċċezzjonali lill-produtturi tal-ħalib fl-Estonja, fil-Latvja u fil-Litwanja għal EUR 28,6 miljun (EUR 6,8 miljun, EUR 7,7 miljun u EUR 14,1-il miljun rispettivament) ġiet adottata f'Novembru 2014. Din il-miżura kellha l-għan li tindirizza l-problemi ta' likwidità kkawżati mit-telf ta' sieħeb kummerċjali ewlieni u t-tnaqqis sussegwenti fil-prezzijiet tal-ħalib. It-tliet pajjiżi kienu jiddependu ħafna fuq l-esportazzjonijiet lejn ir-Russja, u s-settur tal-ħalib tagħhom iffoka fuq prodotti mhux koperti minn intervent pubbliku jew minn PSA²⁵. F'Diċembru 2014, il-Finlandja ġiet alllokata EUR 10,7 miljun għal raġunijiet simili²⁶. L-allokazzjoni tal-għajnuna għall-erba' pajjiżi kienet ibbażata fuq il-livelli tal-produzzjoni tal-ħalib tagħhom taħt il-kwoti nazzjonali.

F'Ottubru 2015, l-iżbilanċ qawwi bejn il-provvista u d-domanda fis-setturi tal-ħalib, tal-prodotti tal-ħalib u tal-laħam tal-majjal ikkawżat mill-projbizzjoni Russa u l-estensjoni sussegwenti tagħha ġie aggravat minn żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni f'setturi oħra tal-bhejjem minħabba n-nixfa tal-2015 fl-Ewropa. Din il-kombinazzjoni ta' ċirkostanzi wasslet għall-adozzjoni ta' miżura tal-Artikolu 219 li tagħti għajnuna eċċezzjonali lill-bdiewa fis-setturi tal-ħalib u ta' bhejjem oħrajn fl-Istati Membri kollha tal-UE għal ammont globali ta' EUR 420 miljun²⁷. Kien permess appoġġ nazzjonali addizzjonali sa 100 % – mhux soġġett għal proċeduri ta' għajnuna mill-Istat.

Sussegwentement, f'April 2016 ġew adottati żewġ miżuri skont l-Artikoli 219 u 222 rispettivament. Dawn iż-żewġ miżuri awtorizzaw lill-kooperattivi u lil forom oħra ta' OP, kemm rikonoxxuti kif ukoll mhux rikonoxxuti, biex jikkonkludu ftehimiet u jieħdu deċiżjonijiet dwar l-ippjanar tal-produzzjoni tal-ħalib bil-għan li jiġi stabbilizzat is-suq²⁸. Din il-miżura tal-aħħar ġiet estiża f'Settembru minħabba użu baxx tagħha²⁹.

F'Settembru 2016, ġew introdotti żewġ miżuri ġodda skont l-Artikolu 219 biex jindirizzaw id-disturbi fis-suq fis-settur tal-ħalib u tal-bhejjem, influwenzati mill-projbizzjoni kontinwa Russa u mill-iżbilanċ persistenti u globali bejn il-provvista u d-domanda, u li pprovdew aktar għajnuna eċċezzjonali lill-bdiewa fis-setturi tal-ħalib u tal-bhejjem.

L-ewwel miżura ppermettiet lill-Istati Membri jagħtu għajnuna bbażata fuq tnaqqis volontarju fil-kunsinni tal-ħalib tal-baqar biex inaqqsu l-volumi tal-produzzjoni u jgħinu lis-settur jistabbilizza ruħu. It-tieni miżura kellha l-għan li tindirizza d-disturbi fis-suq fis-setturi tal-

²³ ĠU L 265, 5.9.2014, p. 22, li tħassret f'tit wara minħabba li l-iskema dehret li kienet qed tintuża b'mod sproporzjonat mill-produtturi tal-ġobon minn żoni li tradizzjonalment ma kinux jesportaw kwantitajiet sinifikanti lejn ir-Russja (ĠU L 279, 23.9.2014, p. 17).

²⁴ ĠU L 271, 16.10.2015, p. 15, u sussegwentement emendat biex tagħmel disponibbli kwantitajiet massimi mhux użati ta' ġobon għal xi Stati Membri (ĠU L 41, 18.2.2016, p. 10).

²⁵ ĠU L 341, 27.11.2014, p. 3.

²⁶ ĠU L 366, 20.12.2014, p. 18.

²⁷ ĠU L 271, 16.10.2015, p. 25.

²⁸ ĠU L 96, 12.4.2016, p. 18; ĠU L 96, 12.4.2016, p. 20. Il-bażi ġuridika differenti tirrifletti l-fatt li l-Artikolu 222 ikopri biss l-OP rikonoxxuti; sabiex tiġi estiża għall-kooperattivi li ma humiex rikonoxxuti bħala OP, kellha tiġi adottata miżura skont l-Artikolu 219.

²⁹ ĠU L 242, 9.9.2016, p. 17.

ħalib, tal-laħam tal-majjal, taċ-ċanga, tal-vitella, tan-nagħaġ u tal-mogħoż. Skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali, din: (i) ippermettiet lill-bdiewa jiġu kkompensati għall-prezzijiet aktar baxxi tal-ħalib; (ii) ippermettiet l-appoġġ għas-setturi taċ-ċanga u l-vitella; u (iii) indirizzat tifqigħat tad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'setturi oħra tal-bhejjem. L-att elenka l-attivitajiet li kellhom l-għan li jrawmu s-sostenibbiltà ekonomika u li jikkontribwixxu għall-istabbilizzazzjoni tas-suq li kienu eliġibbli għall-appoġġ. L-Istati Membri kienu meħtieġa jirrapportaw dwar il-miżuri meħuda u jiġġustifikaw ir-raġunament għall-allokazzjoni tal-għajnuna fis-setturi tal-bhejjem minbarra s-settur tal-ħalib. Ġie allokati ammont ta' EUR 150 miljun biex jgħin inaqas il-produzzjoni tal-ħalib, u ġew allokati EUR 350 miljun għall-għajnuna għall-aġġustament fis-setturi tal-bhejjem³⁰. Din l-aħħar għajnuna ppermettiet appoġġ nazzjonali addizzjonali ta' sa 100 %.

3.2 COVID-19

Matul il-pandemija tal-COVID-19, ir-restrizzjonijiet fuq il-movimenti, id-disponibbiltà limitata tal-ħaddiema, u l-għeluq obbligatorju tal-faċilitajiet tal-ospitalità u tal-catering wasslu għal tnaqqis f'daqqa fil-konsum ta' diversi prodotti agrikoli u alimentari.

3.2.1 *Ħalib u prodotti tal-ħalib*

Is-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib ġarrab tnaqqis fid-domanda matul il-lockdowns fl-2020. F'April 2020, inbdew miżuri ta' intervent fis-suq skont ir-Regolament dwar l-OKS fil-forma ta' PSA għall-prodotti eliġibbli (il-butir, l-SMP). Billi l-produtturi ma kellhomx il-kapaċità li jiddevjaw il-ħalib nej ipproċessat lejn prodotti li jistgħu jinħażnu u li jeħtieġu inqas xogħol, dawn il-miżuri kienu akkumpanjati minn miżura skont l-Artikolu 219 li tagħti PSA għal għobniet mingħajr ċertifikazzjonijiet ta' DOP jew ta' IĠP (li ma humiex eliġibbli għall-PSA skont id-dispożizzjonijiet tal-OKS), fi ħdan volumi massimi predefiniti għal kull Stat Membru³¹.

B'mod parallel, minħabba l-iżbilanċ sever fis-suq bejn id-domanda u l-provvista fis-settur, ġiet adottata wkoll miżura tal-Artikolu 222 li ppermettiet lill-OP jikkonkludu ftehimiet u jieħdu deċiżjonijiet komuni dwar l-ippjanar tal-volumi tagħhom ta' produzzjoni ta' ħalib nej qabel il-bidu tal-istaġun ewlieni tal-produzzjoni, sabiex tikkumpensa għat-tnaqqis fil-prezzijiet għall-ħalib u għall-prodotti tal-ħalib³².

3.2.2 *Frott, ħxejjex u nbid*

L-għeluq ta' postijiet importanti għall-bejgħ tal-frott, tal-ħxejjex u tal-inbid (ħwienet, ristoranti), flimkien ma' nuqqas ta' ħaddiema, fixkel b'mod sinifikanti s-setturi tal-frott, tal-ħxejjex u tal-inbid fl-UE.

Għas-settur tal-inbid, l-impożizzjoni ta' tariffi tal-importazzjoni ta' 25 % (skont il-valur) fuq l-importazzjonijiet tal-inbid tal-UE mill-Istati Uniti f'Ottubru 2019 kien diġà kellha impatt negattiv fuq l-esportazzjonijiet. Dan kien aggravat mill-pandemija, li wasslet għal diffikultajiet finanzjarji għall-produtturi tal-inbid.

F'April 2020, ġiet adottata miżura skont l-Artikolu 219 biex jiġi indirizzat id-disturb fis-suq li jirriżulta mill-COVID-19 fis-setturi tal-frott, tal-ħxejjex u tal-inbid. L-att introduċa derogi mir-regoli eżistenti tal-OKS dwar programmi operazzjonali u ta' appoġġ³³.

³⁰ ĠU L 242, 9.9.2016, p. 4; ĠU L 242, 9.9.2016, p. 10.

³¹ ĠU L 140, 4.5.2020, p. 1.

³² ĠU L 140, 4.5.2020, p. 37.

³³ FI-2020 iż-żewġ programmi kienu għadhom regolati mir-Regolament dwar l-OKS.

Għall-frott u l-ħxejjex, il-limiti fuq l-infiq għall-miżuri ta' prevenzjoni u ta' ġestjoni tal-kriżijiet fil-programmi operazzjonali tneħħew temporanjament.

Għas-settur tal-inbid, sabiex jitneħħew l-eċċessi mis-suq li kienu qegħdin ibaxxu l-prezzijiet, l-assistenza finanzjarja taħt il-programmi ta' appoġġ ġiet estiża temporanjament biex tkopri kemm id-distillazzjoni tal-inbid għal skopijiet industrijali jew enerġetiċi kif ukoll l-għajnuna għall-ħżin fi kriżijiet. Il-miżura espandiet ukoll l-appoġġ tal-UE għall-fondi mutwi tal-produtturi u żiedet il-limiti għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-UE għal diversi miżuri kemm biex jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet finanzjarji proprji tal-operaturi kif ukoll biex jittejjeb il-fluss tal-flus tagħhom. Il-baġit operazzjonali għall-programmi ta' appoġġ nazzjonali baqa' l-istess³⁴.

B'mod parallel, ġiet adottata miżura skont l-Artikolu 221 biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema fil-vinji, li estendiet kemm l-awtorizzazzjonijiet għat-tħawwil li kienu se jiskadu fl-2020, kif ukoll l-iskadenza għall-qluġh tad-dwieli fil-każ ta' tħawwil mill-ġdid antiċipat³⁵.

F'Lulju 2020, ġew introdotti żewġ miżuri ġodda biex jgħinu lis-setturi tal-frott, tal-ħxejjex u tal-inbid ilaħħqu mal-impatti tal-pandemija. L-ewwel miżura skont l-Artikolu 219 introduċiet flessibbiltajiet addizzjonali għall-programmi operazzjonali u ta' appoġġ fiż-żewġ setturi. Fis-settur tal-inbid, il-produtturi setgħu wkoll, taħt ċerti kundizzjonijiet, jitolbu pagamenti bil-quddiem ugwali għal 100 % tal-appoġġ tal-UE kemm għad-distillazzjoni tal-inbid fi kriżi kif ukoll għall-ħżin tal-inbid fi kriżi, biex itaffu l-fluss tal-flus imnaqqas tagħhom³⁶.

It-tieni miżura ġiet introdotta skont l-Artikolu 222, u kellha l-għan li tindirizza l-iżbilanċ sever fis-suq fis-settur tal-inbid, fejn il-konsum u l-esportazzjonijiet kienu qed jonqsu filwaqt li kienu qegħdin jinħażnu volumi kbar ta' nbid. Dan ippermetta lill-bdiewa, lill-OP rikonoxxuti u lill-organizzazzjonijiet interprofessjonali jikkonkludu ftehimiet u jieħdu deċiżjonijiet komuni dwar il-produzzjoni, it-trasformazzjoni, l-ipproċessar, il-ħżin u l-attivitajiet ta' promozzjoni³⁷.

B'rikonoxximent tal-fatt li s-sitwazzjoni fis-settur tal-inbid ma kinitx tgiebet minkejja l-miżuri preċedenti, ittieħdu żewġ miżuri skont l-Artikolu 219 f'Jannar u f'Settembru 2021, li estendew id-derogi li kienu ġew adottati qabel u pprevedew aktar flessibbiltà biex tiġi appoġġata l-assigurazzjoni tal-ħsad³⁸.

3.2.3 Setturi oħra

Is-setturi tal-patata u tal-pjanti u l-fjuri ħajjin esperjenzaw perjodu ta' żbilanċ fis-suq matul il-lockdowns tal-COVID-19 minħabba tnaqqis qawwi fid-domanda u fil-prezzijiet, id-disponibbiltà limitata tal-ħaddiema, u l-kostijiet ogħla tat-trasport.

Biex jiġu appoġġati l-produtturi, f'April 2020 ġew adottati żewġ miżuri skont l-Artikolu 222, li ppermettew lill-bdiewa u lill-OP rikonoxxuti jikkonkludu ftehimiet u jieħdu deċiżjonijiet komuni dwar, pereżempju, l-irtirar mis-suq, id-distribuzzjoni b'xejn, il-promozzjoni, u l-ippjanar temporanju tal-produzzjoni³⁹.

3.3 Il-gwerra fl-Ukrajna u l-iżviluppi sussegwenti fis-suq

³⁴ ĠU L 140, 4.5.2020, p. 6.

³⁵ ĠU L 140, 4.5.2020, p. 46.

³⁶ ĠU L 300, 14.9.2020, p. 26.

³⁷ ĠU L 215, 7.7.2020, p. 13.

³⁸ ĠU L 31, 29.1.2021, p. 198; ĠU L 415, 22.11.2021, p. 1.

³⁹ ĠU L 140, 4.5.2020, p. 13; ĠU L 140, 4.5.2020, p. 17.

Bħala konsegwenza tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, kien hemm theddida akuta ta' disturb fis-suq tal-UE minħabba żidiet sinifikanti fil-prezzijiet għaċ-ċereali u l-inputs (speċjalment l-enerġija u l-fertilizzanti) u minħabba tfixkil fil-kummerċ. Sabiex jiġi miġġieled dan it-theddida, f'Marzu 2022 ġiet adottata miżura skont l-Artikolu 219 li ttipprovdi għajnuna temporanja eċċezzjonali lill-bdiewa attivi fis-setturi kollha jekk ikunu involuti f'attivitajiet li jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-ikel jew jindirizzaw l-iżbilanċi tas-suq. Għe magħmul disponibbli ammont totali ta' EUR 500 miljun u dan għe allokat lill-Istati Membri abbażi tal-limiti massimi tagħhom għall-pagamenti diretti. L-Istati Membri kienu liberi li jagħżlu s-settur(i) benefiċjarju/i biex jappoġġaw lill-produtturi li batew l-aktar. Kien permess ukoll appoġġ nazzjonali addizzjonali ta' sa 200 %⁴⁰.

F'Lulju 2022 ġiet adottata wkoll miżura skont l-Artikolu 219 biex tappoġġa s-settur tal-frott u l-ħxejjex. Din ippermettiet derogi għal-limiti fuq l-infiq fuq il-miżuri ta' ġestjoni u ta' prevenzjoni tal-kriżijiet u żiedet is-schem tal-assistenza finanzjarja tal-UE għall-fondi operazzjonali nazzjonali fis-settur⁴¹.

Iż-żieda fl-importazzjonijiet ta' ċereali u żrieragħ taż-żejt mill-Ukrajna lejn l-Istati Membri qrib il-fruntiera tal-Ukrajna, fejn ġew żviluppati kurituri kummerċjali msejħa "Korsiji ta' Solidarjetà bejn l-UE u l-Ukrajna", kellha impatt fuq il-bdiewa lokali. F'ċerti reġjuni tal-UE, l-importazzjonijiet addizzjonali wasslu għal provvista domestika żejda, naqqsu l-prezzijiet lokali, jew għabbew iżżejjed lill-ktajjen loġistiċi. B'rikonoxximent ta' dawn il-problemi, f'April 2023 ġiet adottata miżura skont l-Artikolu 221. Għe allokat ammont ta' EUR 56 miljun biex jappoġġa lill-bdiewa l-aktar affettwati miż-żieda fl-importazzjonijiet ta' ċereali u żrieragħ taż-żejt mill-Ukrajna fil-Bulgarija, fil-Polonja u fir-Rumanija. Kien permess appoġġ nazzjonali addizzjonali ta' sa 100 %⁴².

Minħabba l-iskala tal-impatt negattiv taż-żieda fl-importazzjonijiet taċ-ċereali u taż-żrieragħ taż-żejt mill-Ukrajna lejn il-Bulgarija, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja, f'Ġunju 2023 ġiet adottata miżura oħra skont l-Artikolu 221. Din it-tieni miżura espandiet fuq dik preċedenti b'EUR 100 miljun disponibbli biex jappoġġaw lill-bdiewa li jipproduċu ċereali u żrieragħ taż-żejt speċifiċi [l-Anness 1] fil-ħames pajjiżi. Kien permess appoġġ nazzjonali addizzjonali ta' sa 200 %⁴³.

F'nofs l-2023, għe osservat tnaqqis rapidu fil-prezzijiet għal diversi prodotti agrikoli, fi sfond ta' kostijiet tal-input għoljin, inflazzjoni kbira fil-prezzijiet tal-ikel u domanda aktar baxxa mill-konsumaturi. Dawn iċ-ċirkostanzi kellhom impatt negattiv sinifikanti fuq setturi agrikoli differenti fl-UE u ħolqu problemi ta' likwidità għall-bdiewa, lil hinn minn dawk identifikati fil-ħames Stati Membri tal-ewwel linja li kienu bbenefikaw mill-appoġġ preċedenti.

F'Lulju 2023 ġiet adottata miżura skont l-Artikolu 221 biex jiġu indirizzati l-isfidi speċifiċi osservati f'diversi setturi bħas-setturi tal-annimali, tal-frott u l-ħxejjex, tal-inbid, taċ-ċereali u taż-żrieragħ taż-żejt. Il-miżura pprevediet appoġġ ta' emerġenza għall-bdiewa fis-setturi agrikoli l-aktar affettwati tat-22 Stat Membru li ma kinux benefiċjarji taż-żewġ miżuri preċedenti tal-Artikolu 221. Ammont totali ta' EUR 330 miljun għe magħmul disponibbli. L-Istati Membri kienu meħtieġa jimmiraw lejn bdiewa fl-aktar setturi milquta, u setgħu jagħtu appoġġ lil operazzjonijiet ta' distillazzjoni fi kriżi għall-inbid lil hinn mill-allokkazzjonijiet

⁴⁰ ĠU L 96, 24.3.2022, p. 4.

⁴¹ ĠU L 189, 18.7.2022, p. 1.

⁴² ĠU L 96, 5.4.2023, p. 80.

⁴³ ĠU L 168, 3.7.2023, p. 22.

stabbiliti fil-programmi ta' appoġġ nazzjonali. Kien permess appoġġ nazzjonali addizzjonali ta' sa 200 %⁴⁴.

B'mod parallel, biex tiġi miġġielda t-theddida ta' żbilanċi futuri fis-suq fis-settur tal-inbid bil-wasla tal-ħsad il-ġdid, f'Ġunju 2023 ġiet adottata miżura skont l-Artikolu 219 li tippermetti lill-Istati Membri jiddevjaw parti mir-riżorsi finanzjarji fi ħdan il-programmi ta' appoġġ nazzjonali tagħhom biex jipprovdu appoġġ imfassal apposta għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom. L-appoġġ għad-distillazzjoni tal-inbid fi kriżi kien permess taħt kundizzjonijiet speċifiċi, flimkien ma' derogi mid-dispożizzjonijiet tal-OKS u żieda fil-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-UE għal tipi differenti ta' miżuri settorjali⁴⁵.

3.4 Avvenimenti ta' temp estrem u diżastri naturali

Diġà fl-2015, l-impatti negattivi fuq is-swieq ta' kundizzjonijiet tat-temp ħżiena kienu ġew rikonoxxuti bħala wieħed mill-fatturi li jikkontribwixxu għall-iżbilanċ bejn il-provvista u d-domanda fis-settur tal-bhejjem minħabba li n-nixfa matul is-sajf tal-2015 wasslet għall-iskarsezza ta' għelejjel tal-ġhalf u merġat⁴⁶.

Wara terremot li laqat liċ-ċentru tal-Italja f'Awwiissu 2016, il-miżura skont l-Artikolu 219 li tagħti għajjuna eċċezzjonali ta' aġġustament lill-bdiewa li jrabbu l-bhejjem adottata fl-2016 ġiet emendata fl-2017. Biex tgħin tikkumpensa għat-telf imġarrab mill-bdiewa li jrabbu l-bhejjem fir-reġjuni milquta, l-Italja nġhatat il-permess li tagħti appoġġ nazzjonali addizzjonali ta' sa 200 %⁴⁷.

Minħabba kundizzjonijiet tat-temp bla preċedent u anormali, jiġifieri xita qawwija fit-tul u għargħar li affettwaw ir-raba' li jinħadem tagħhom, f'Jannar 2018 ġiet adottata miżura skont l-Artikolu 221 biex tappoġġa lill-bdiewa fil-Litwanja, fil-Latvja, fl-Estonja u fil-Finlandja. Il-miżura kellha l-għan li tikkumpensa lill-bdiewa l-aktar affettwati mix-xita u mill-għargħar, u li esperjenzaw l-akbar telf fir-raba' li jinħadem tagħhom għaż-żriġ tax-xitwa u fil-ħsad. L-att iddetermina l-fondi massimi tal-UE disponibbli għal kull pajjiż, għal total ta' EUR 15-il miljun, filwaqt li l-pajjiżi nfushom iddeterminaw l-għadd ta' ettari eliġibbli u l-ammont b'rata fissa ta' għajjuna għal kull ettaru. Ġew permessi żidiet nazzjonali ta' sa 100 %⁴⁸.

Il-miżura skont l-Artikolu 221 adottata f'nofs Lulju 2023 kellha l-għan ukoll, parzjalment, li tindirizza l-impatti ta' avvenimenti tat-temp estremament avversi, bħan-nixfa tar-rebbiegħa tal-2023 (partikolarment akuta f'xi reġjuni ta' Spanja, tal-Portugall u tal-Italja) u l-ħsarat relatati mġarrba mill-produtturi agrikoli⁴⁹.

Dawk l-avvenimenti meteoroloġiċi severi u avversi kellhom impatt negattiv speċifiku fuq il-produtturi tal-frott, tal-ħxejjex u tal-inbid u wasslu għall-adozzjoni ta' miżura ġdida skont l-Artikolu 221 f'Awwiissu 2023. Il-miżura ppermettiet xi flessibbiltajiet u żiedet il-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-UE fl-implimentazzjoni tal-programmi operazzjonali għall-OP u l-assoċjazzjonijiet tal-OP fis-settur tal-frott u l-ħxejjex. Fis-settur tal-inbid, il-miżura estendiet kemm il-validità tal-awtorizzazzjoni għat-tħawwil li tiskadi fl-2023 kif ukoll il-perjodu għall-qluġh tad-dwieli. Introduċiet wkoll flessibbiltajiet għall-miżuri għar-ristrutturar u l-konverżjoni ta' vinji li kienu ġew implimentati biss parzjalment fl-2023⁵⁰.

⁴⁴ ĠU L 180, 17.7.2023, p. 21.

⁴⁵ ĠU L 160, 26.6.2023, p. 12.

⁴⁶ Ara hawn fuq, ĠU L 271, 16.10.2015, p. 25.

⁴⁷ ĠU L 42, 18.2.2017, p. 7.

⁴⁸ ĠU L 19, 24.1.2018, p. 6.

⁴⁹ Ara hawn fuq, ĠU L 180, 17.7.2023, p. 21.

⁵⁰ ĠU L 199, 9.8.2023, p. 96.

Sussegwentement fl-2023, is-Slovenja esperjenzat għargħar u valangi estremament severi, filwaqt li partijiet mill-Greċja ffaċċaw nirien u għargħar bla preċedent f'Awwissu u f'Settembru 2023. Il-ħsarat sinifikanti kkawżati minn dawk id-diżastri naturali għall-produzzjoni agrikola wasslu għall-adozzjoni ta' miżura ġdida skont l-Artikolu 221 f'Diċembru 2023, bl-għan li tappoġġa lill-bdiewa milquta. Ammont ta' EUR 51,7 miljun ġie allokati liż-żewġ pajjiżi, u kien permess pagament supplimentari nazzjonali ta' sa 200 %⁵¹.

3.5 Mard tal-annimali

3.5.1 Deni Afrikan tal-ħnieżer

Biex jevitaw it-tixrid tad-deni Afrikan tal-ħnieżer (ASF) fit-territorji tagħhom, fi Frar 2014 il-Polonja u l-Litwanja adottaw miżuri preventivi li jirrestrinġu l-kummerċjalizzazzjoni tal-laħam tal-majjal fiż-żoni affettwati. Iż-żewġ pajjiżi sussegwentement nnotifikaw lill-Kummissjoni bi tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet u tfixkil fis-suq f'dawk iż-żoni, ikkawżat minn dawn ir-restrizzjonijiet. B'konsegwenza ta' dan, f'Marzu u f'April 2014 ġew adottati żewġ miżuri skont l-Artikolu 220, li jawtorizzaw liż-żewġ pajjiżi jipprovdu għajjnuna għat-tbiċċir ta' ċerti annimali f'perjodu definit minn qabel, u taħt kundizzjonijiet speċifiċi⁵².

B'reazzjoni għal tifqigħat ġodda tal-ASF fil-Polonja li rriżultaw f'telf għall-produtturi, f'April 2017 ġiet adottata miżura skont l-Artikolu 220. Il-Polonja tħalliet tagħti għajjnuna lill-produtturi għat-tbiċċir ta' ċerti annimali, taħt kundizzjonijiet speċifiċi⁵³. F'Settembru 2017 ingħatat ukoll għajjnuna eċċezzjonali taħt kundizzjonijiet simili lil azjendi żgħar tal-ħnieżer b'miżura skont l-Artikolu 221, biex jiġi evitat li dawn l-azjendi żgħar iwaqqfu l-produzzjoni u biex jittaffa l-kost tagħhom biex jikkonformaw mal-miżuri nazzjonali⁵⁴.

3.5.2 Influenza tat-tjur

Bejn l-2014 u l-2023, seħħew diversi tifqigħat tal-influenza tat-tjur fl-Ewropa, inkluż fl-Italja, fi Franza u fil-Polonja. Maż-żmien, it-tliet pajjiżi nnotifikaw lill-Kummissjoni li l-miżuri applikati biex irażżnu u jeqirdu t-tixrid tal-marda wasslu għal telf ta' introjtu li ma kienx eliġibbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-UE skont il-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE⁵⁵ għall-operaturi fis-setturi tal-bajd u tal-laħam tat-tjur. B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni adottat 11-il miżura skont l-Artikolu 220 bejn Ottubru 2014 u Awwissu 2023, li jipprevedu l-finanzjament parzjali mill-UE għan-nefqa mġarrba mit-tliet pajjiżi biex jiġu appoġġati temporanjament l-operaturi tagħhom li jinsabu fiż-żoni regolati mill-miżuri nazzjonali, għal perjodi speċifiċi ta' żmien, u soġġett għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet eliġibbli minnhom abbażi ta' kontrolli *ex ante* mill-awtoritajiet nazzjonali. Il-miżuri jistabbilixxu: (i) l-ispeċijiet affettwati; (ii) il-kwantitajiet massimi ta' prodotti eliġibbli għall-finanzjament; u (iii) l-ammonti b'rata fissa tal-finanzjament parzjali u l-kriterji użati biex jiġu ddeterminati dawk l-ammonti (f'xi każijiet, sa livelli/ammonti massimi fissi ta' finanzjament parzjali mill-UE). Minn Mejju 2014, l-atti ċċaraw li t-telf imġarrab ma għandux jiġi kkompensat mill-għajjnuna mill-Istat jew mill-assigurazzjoni; u li l-produtturi ma kellhomx

⁵¹ ĠU L, 2023/2820, 18.12.2023, ELI: [EUR-Lex - L 202302820 - MT - EUR-Lex \(europa.eu\)](#)

⁵² ĠU L 95, 29.3.2014, p. 24; ĠU L 125, 26.4.2014, p. 64.

⁵³ ĠU L 92, 6.4.2017, p. 41.

⁵⁴ ĠU L 234, 12.9.2017, p. 1.

⁵⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 652/2014, imħassar bir-Regolament (UE) 2021/690.

jirċievu kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-UE għall-istess telf taħt Regolamenti rilevanti oħra tal-UE⁵⁶.

3.6 Oħrajn

Fl-interess tal-istabbiltà tas-suq (jew fil-livell tal-UE jew fis-setturi affettwati), jew biex jiġi evitat tnaqqis rapidu fil-produzzjoni ta' prodotti speċifiċi, ġew adottati tliet miżuri eċċezzjonali oħra skont l-Artikolu 221 biex jiġu indirizzati problemi speċifiċi.

F'Lulju 2019 ġiet adottata miżura skont l-Artikolu 221 biex tipprovdi għajjnuna eċċezzjonali lill-bdiewa fis-settur taċ-ċanga u l-vitella fl-Irlanda. Il-miżura kienet immotivata mill-impatt potenzjali tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE, peress li r-Renju Unit kien suq ta' esportazzjoni sinifikanti għaċ-ċanga u l-vitella mill-Irlanda. Biex il-bdiewa jiġu appoġġati fl-aġġustament tal-produzzjoni tagħhom u fis-sejba ta' swieq ġodda, l-Irlanda ġiet allokata total ta' EUR 50 miljun biex tappoġġa lill-bdiewa. Ġew permessi żidiet nazzjonali ta' sa 100 %⁵⁷.

F'Jannar 2020 iddaħħlet gderoga għall-programmi ta' appoġġ fis-settur tal-inbid permezz ta' miżura skont l-Artikolu 221. Il-miżura kellha l-għan li twieġeb għall-impożizzjoni ta' dazji fuq l-importazzjoni mill-Istati Uniti fuq l-inbejjed tal-UE minn ċerti pajjiżi, adottata mill-Istati Uniti bħala kontromiżura għas-sussidji tal-UE lil Airbus u wara deċiżjoni ta' arbitraġġ tad-WTO. Il-miżura ppermettiet implimentazzjoni aktar flessibbli tal-miżuri ta' promozzjoni fis-settur tal-inbid u rati oġġla għall-kontribuzzjonijiet tal-UE⁵⁸.

F'Marzu 2020 ġew adottati wkoll derogi għall-programmi operazzjonali fis-settur Taljan tal-frott u l-ħxejjex permezz ta' miżura tal-Artikolu 221. Il-miżura kellha l-għan li tappoġġa lill-OP affettwati mill-infestazzjoni tal-ispallut kannella rħami f'ċerti reġjuni tal-Italja u tgħinhom ikampaw aħjar bil-pest, peress li ma setgħet tittieħed l-ebda miżura ta' eradikazzjoni fil-livell tal-UE, skont id-dritt applikabbli tal-UE. Il-limiti għall-assistenza tal-UE għall-miżuri tal-prevenzjoni tal-kriżijiet u tal-ġestjoni tal-kriżijiet żdiedu biex jintlaħqu dawn l-oġġettivi⁵⁹.

4. Osservazzjonijiet finali

Il-miżuri diskussi f'dan ir-rapport juru li s-sett ta' għodod legali għall-miżuri eċċezzjonali introdotti mir-riforma tal-2013 jipprovdi flessibbiltà biex jiġu indirizzati diversi tipi ta' kriżijiet. Għalhekk, dan jikkostitwixxi progress sinifikanti meta mqabbel mas-sitwazzjoni legali li kienet tipprevali qabel.

Fil-livell politiku, il-miżuri eċċezzjonali ġeneralment jaslu tajjeb. Dan huwa kkonfermat mill-appoġġ wiesa' espress meta jiġu proposti – jew wara l-adozzjoni ta' – atti relatati fil-livell tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew, kif ukoll fil-proċeduri tal-komitoloġija. L-użu ta' dawn il-miżuri eċċezzjonali juri solidarjetà mill-UE u mill-Istati Membri tagħha. F'dan il-kuntest, ir-rimarki li ġejjin dwar ir-raġunament għall-adozzjoni ta' dawn il-miżuri, it-tfassil tagħhom, u l-aspetti finanzjarji ta' dawn il-miżuri jistħoqqilhom kunsiderazzjoni.

4.1 Raġunament għall-adozzjoni ta' miżuri eċċezzjonali

⁵⁶ ĠU L 295, 11.10.2014, p. 51; ĠU L 126, 14.5.2016, p. 63; ĠU L 43, 21.2.2017, p. 196; ĠU L 46, 20.2.2018, p. 1; ĠU L 255, 11.10.2018, p. 1; ĠU L 255, 11.10.2018, p. 7; ĠU L 206, 6.8.2019, p. 12; ĠU L 273, 20.8.2020, p. 1; ĠU L 317, 9.12.2022, p. 56; ĠU L 105, 20.4.2023, p. 2; ĠU L 202, 14.8.2023, p. 8.

⁵⁷ ĠU L 179, 3.7.2019, p. 20.

⁵⁸ ĠU L 27, 31.1.2020, p. 20.

⁵⁹ ĠU L 98, 31.3.2020, p. 26.

Ġew adottati miżuri eċċezzjonali biex jiġu indirizzati objettivi ta' politika ċari, kif muri fil-premessi tal-atti, u biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet eċċezzjonali li setgħu jħallu impatt negattiv fuq is-swieq agrikoli. Dawn il-miżuri ġew implimentati b'konsistenza ma' daww l-objettivi ta' politika. Il-kunċett u l-post tal-miżuri eċċezzjonali fir-Regolament dwar l-OKS jissuġġerixxu li dawn huma mezzi li għandhom jintużaw b'mod eċċezzjonali b'reazzjoni għal sitwazzjonijiet speċifikament diffiċli li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv is-swieq agrikoli.

L-użu tal-miżuri eċċezzjonali juri li dawn intużaw prinċipalment biex jgħinu lill-bdiewa fir-rigward tal-ħsarat li jsofru bħala konsegwenza ta' disturb fis-suq jew kwistjonijiet relatati mas-saħħa tal-annimali jew tal-pjanti. Għenu wkoll, għalkemm inqas ta' spiss, lill-bdiewa jindirizzaw l-impatti negattivi ta' avvenimenti tat-temp estremament avvers fuq ir-redditi ekonomiċi tagħhom. Fil-każ ta' prezzijiet baxxi, għodod oħrajn li ntużaw jinkludu għajnuna għall-ħżin privat f'tentattivi biex jerġgħu jiżiedu l-prezzijiet u x-xiri bil-forza b'intervent pubbliku, kif ġara fl-2014-2016 għall-SMP.

4.2 It-tfassil tal-miżuri eċċezzjonali u l-aspetti ta' implimentazzjoni

L-ispettru ta' miżuri eċċezzjonali adottati sa issa, u l-varjetà wiesgħa ta' ċirkostanzi li dawn il-miżuri wiegħbu għalihom, juru li d-disturbi tas-suq spiss ikunu ta' natura multidimensjonali u imprevedibbli u għalhekk jeħtieġu reazzjonijiet *ad hoc* u mmirati.

B'mod ġenerali, il-miżuri eċċezzjonali wrew li huma effettivi fl-indirizzar tal-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati biex ilaħħqu mal-kriżijiet⁶⁰. L-użu f'waqtu tal-appoġġ tal-UE jipprovdi sinjal ċar tal-attenzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi, jesprimi s-solidarjetà Ewropea u għandu impatti pożittivi fuq is-sentiment tas-suq fis-settur agrikolu.

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) irrakkomandat li l-Kummissjoni tiddefinixxi parametri u kriterji oġġettivi *ex ante* li jaġixxu bħala limiti biex jiġi ddeterminat meta jirriżulta disturb fis-suq, u jkollha tiġi skattata miżura eċċezzjonali⁶¹. Madankollu, id-definizzjoni tal-limiti tal-iskattar *ex ante* hija diffiċli ħafna minħabba l-varjetà ta' kriżijiet u l-impatti relatati. Din timponi restrizzjonijiet fuq il-miżuri u tista' tipprevjeni l-proposta ta' risponsi mfassla apposta għall-varjetà ta' sitwazzjonijiet li jkunu qegħdin jesperjenzaw is-swieq agrikoli. In-nuqqas ta' parametri *ex ante* ma waqqa lil daww li jfasslu l-politika milli jfasslu miżuri li huma bbażati fuq valutazzjoni bir-reqqa tas-sitwazzjoni speċifika tas-suq inkwistjoni.

Madankollu, il-QEA semmiet, f'rapporti speċjali⁶², kwistjonijiet relatati ma' kumpens żejjed possibbli għall-bdiewa li jibbenefikaw mill-miżuri jew ma' effetti deadweight dovuti parzjalment għall-imġiba ta' "periklu morali". Għalkemm dawn ir-riskji ma għandhomx jiġu sottovalutati, il-Kummissjoni qisithom dejjem aktar fit-tfassil tar-regolamenti⁶³.

B'mod simili, l-użu ta' miżuri eċċezzjonali ma għandux jeskludi inċentivi għall-bdiewa biex jimmaniġġaw ir-riskji tagħhom stess billi jirrikorru għal Prattiki agronomiċi u tat-trobbija tal-bhejjem sostenibbli, u billi jadottaw għodod u strateġiji xierqa għall-ġestjoni tar-riskju, inklużi daww li għandhom l-għan biex ikampaw mad-diżastri naturali li l-okkorrenza

⁶⁰ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, Improving crisis prevention and management criteria and strategies in the agricultural sector – Rapport finali, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2020, <https://data.europa.eu/doi/10.2762/650110>.

⁶¹ Ir-Rapport Speċjali tal-QEA 23/2019: Stabbilizzazzjoni tal-introjt tal-bdiewa: sett komprensiv ta' għodod, iżda l-istrumenti f'it li xejn jintużaw u jeħtieġu li jiġi indirizzat il-kumpens eċċessiv, <https://www.eca.europa.eu/mt/publications?did=52395> u r-Rapport Speċjali tal-QEA 11/2021: Appoġġ eċċezzjonali għall-produtturi tal-ħalib fl-UE fil-perjodu 2014-2016 - Potenzjal għal titjib fl-effiċjenza futura, <https://www.eca.europa.eu/mt/publications?did=58807>.

⁶² Ir-Rapport Speċjali tal-QEA 23/2019 u r-Rapport Speċjali tal-QEA 11/2021.

⁶³ Għal eżempji riċenti, ir-Regolament 2023/1225, ir-Regolament 2023/1343 u r-Regolament 2023/1465.

tagħhom qiegħda tiżdied maż-żmien bit-tibdil fil-klima. Għalkemm l-għan ta' dan ir-rapport ma huwiex li jivvaluta l-għażliet f'dan ir-rigward (inklużi l-għażliet stabbiliti fir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku u fil-pjanijiet strateġiċi tal-PAK tal-Istati Membri), dan juri l-importanza li tiġi żgurata l-koerenza tal-politika bejn għodod differenti fil-livell nazzjonali u tal-UE fil-futur.

Mill-perspettiva ta' implimentazzjoni, il-miżuri adottati skont l-Artikolu 222 tal-OKS jippruvaw jew jiksbu effetti ta' mitigazzjoni fuq il-provvista jew jimmaniġġaw il-provvista fl-istadju tal-produzzjoni. Għalkemm b'dan il-mod, miżuri bħal dawn ikollhom l-għan li jipprevjenu l-għoti ta' kumpens *ex post* li jkun possibbilment aktar għali fid-dawl ta' theddid ta' disturb tas-suq, dawn il-miżuri jistgħu jkunu soġġetti għal kontestazzjonijiet permezz ta' azzjoni kollettiva. L-esperjenza turi li l-effettività tal-Artikolu 222 tar-Regolament dwar l-OKS, li skontu l-ftehimiet ma humiex obligatorji għall-partijiet li ma jkunux jixtiequ jipparteċipaw, tista' tiġi mminata minn tħassib ta' parassitiżmu potenzjali.

4.3. Aspetti finanzjarji

L-istabbiliment tar-“riżerva għall-agrikoltura” fl-2023, u l-arranġamenti ta' finanzjament differenzjati tagħha meta mqabbla mar-“riżerva għall-kriżijiet” preċedenti, għamlu disponibbiltajiet baġitarji għall-miżuri eċċezzjonali aktar prevedibbli. L-użu tad-“dixxiplina finanzjarja” għall-kostituzzjoni tar-riżerva għall-kriżijiet kien jillimita l-attrazzjoni tar-riżerva għall-kriżijiet, minħabba li l-Istati Membri ma kinux ħerqana li jnaqqsu l-pagamenti diretti lill-bdiewa kollha bħala l-“prezz li jkollu jitħallas” għal miżuri eċċezzjonali. L-enfasi kienet fuq il-mobilizzazzjoni tal-baġit b'mod li ma jaffettwax il-pagamenti diretti. Għal din ir-raġuni, il-miżuri ġew iffinanzjati minn sorsi oħra għajr ir-riżerva għall-kriżijiet kull fejn possibbli. Madankollu, il-persjoni fuq il-baġit tal-UE kif ukoll il-ħtiġijiet li jikkompetu wasslu għal inċertezza dwar id-disponibbiltà kontinwa ta' tali sorsi alternattivi għall-finanzjament ta' miżuri eċċezzjonali. Il-konfigurazzjoni baġitarja attwali tar-riżerva għall-agrikoltura għelbet dawn ir-restrizzjonijiet. Madankollu, minkejja din iż-żieda fil-flessibbiltà, ir-riżerva l-ġdida tibqa' soġġetta għall-annwalità tal-baġit tal-UE. Meta jitqies id-daqs kbir tal-impatti u l-ħsarat iġġenerati minn kriżi tas-suq jew minn diżastri naturali ta' skala kbira, ir-riżerva għall-agrikoltura tirrappreżenta, minkejja d-daqs limitat tagħha, wieħed mill-mezzi biex tittaffa s-sitwazzjoni tal-bdiewa.

L-esperjenza miksuba bl-użu tal-miżuri eċċezzjonali, inklużi dawk iffinanzjati taħt ir-riżerva għall-agrikoltura l-ġdida, se tkun strumentali biex jiġu infurmati r-riflessjonijiet ta' politika futuri. F'dan ir-rigward, l-għażliet biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet potenzjali fit-tfassil u fl-użu ta' dawn il-miżuri se jiġu eżaminati fit-tnejn tal-politika agrikola komuni tal-futur għal wara l-2027.